# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 2/2016 CSH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Clifford u Sharon mizzewgin Vassallo**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Jannar, 2016 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tmint elef, sitt mija u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€8,640.37) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A2", Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C5", Dok. "D1 sa D4" u Dok. "E1 sa E2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Settembru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament, liema loans gew moghtija lilhom permezz ta' hames skritturi privati datati 15 ta' Ottubru 2002, 13 ta' Awissu, 2003, 30 ta' Mejju 2007, 31 ta' Awissu 2007 u 19 ta' Settembru 2007 (Dok. "F", "G", "H", "I" u "J");

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok. "F", "G", "H", "I" u "J") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Clifford u Sharon mizzewgin Vassallo (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif

stipulati fl-imsemmija skritturi u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitur sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' April, 2010 (Dok. K) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru in subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konjugi intimati Sharon u Clifford Vassallo prezentata fir-Regisru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Marzu 2016 (fol. 40) li permezz taghha ammettew it-talba elenkata fir-rikors fl-ismijiet premessi b'dan illi l-istess kawza ghandha tithalla bla taxxa.

Rat illi din in-nota ma gietx prezentata kongjuntivament mill-partijiet u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tiddiferixxi il-kawza ghas-sentenza minghajr ma tigi trattata il-kwistjoni ta' l-ispejjez u ghalhekk fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 din il-kawza giet differita ghas-16 ta' Marzu 2016 sabiex din il-kwistjoni tigi trattata.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016 dehret Dr Lara Cassar ghall-bank attrici u vverbalizzat li dak indikat fin-nota ta' Dr Richard Sladden, li kien qed jidher ghall-konvenuti, mhux dak li kien gie miftiehem mal-bank attrici u ghalhekk stante li Dr Sladden ma deherx ghal din is-seduta, din il-Qorti regghet iddifferiet il-kawza ghal darb'ohra u cioe' s-6 ta' April 2016 saebix tigi trattata din il-materja.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' April 2016 dehru Dr Richard Sladden ghall-konvenuti u Dr Lara Cassar ghall-bank attrici u talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza fuq il-kwistjoni ta' l-ispejjez.

Rat ir-rikors tal-bank attrici ipprezentat fl-atti ta' din il-kawza nhar is-7 ta' April 2016 fejn talbet tibdil fil-verbal ta' l-atti tas-6 ta' April fis-sens li il-kawza ma tkunx differita sabiex tinghata sentenza biss dwar il-kap ta' l-ispejjez, izda li tinghata wkoll fuq il-mertu, liema talba giet milqugha minn din il-Qorti b'digriet taghha tat-12 ta' April 2016.

Illi jidher li t-talba tal-bank attrici kif kontemplata fir-rikors promotur hija gusta u timmerita li tigi konfermata u dan in vista tal-ammissjoni tal-konvenuti stess.

Illi stante li l-bank attrici kellu jintavola dawn il-proceduri sabiex jottjeni titolu ezekuttiv tal-kreditu tieghu, u ghalhekk it-talba ma kienitx wahda intempestiva, il-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ukoll ghall-ispejjez involuti ma' dawn il-proceduri.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa' it-talba tal-bank attrici u dan fuq l-ammissjoni tal-konvenuti stess, qieghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-bank attrici s-somma indikata fir-rikors promotur u cioe' is-somma ta' ta' tmint elef, sitt mija u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€8,640.37), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Settembru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' April, 2010 u tal-Mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors a karigu tal-istess konvenuti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**